MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 195/2005

Kevin Buttigieg
vs
Worldstar Intermediary Services Limited u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2005 Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Victor Bugeja gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Worldstar Intermediary Services Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ppremetta:

Illi s-socjeta` konvenuta kellha thallas lill-atturi s-somma ta' tlieta u tletin elf lira Maltin (Lm33,000) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' konsulenza u servizzi ohra rezi mill-attur lis-socjeta` konvenuta bejn is-17 ta' Frar 2003 u s-17 ta' Dicembru 2004, u dana fuq inkarigu taghha stess.

Illi minkejja li s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi twettaq il-hlas hija kienet baqghet inadempjenti.

Illi d-dejn kien cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-attur is-socjeta` konvenuta ma kellhiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba ghall-hlas.

L-attur talab lill-Qorti biex:

Bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlieta u tletin elf lira Maltin (Lm33,000) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' konsulenza u servizzi ohra rezi mill-attur lis-socjeta` konvenuta bejn is-17 ta' Frar 2003 u s-17 ta' Dicembru 2004, u dana fuq inkarigu taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mac-citazzjoni, kontra s-socjeta` konvenuta bid-diretturi taghha li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Il-Qorti awtorizzat li jigu prezentati l-eccezzjonijiet mill-kuraturi ghalkemm saret it-talba ghall-applikazzjoni tal-Kap 12 art 167 et seq stante li fil-fehma taghha kien opportun li s-socjeta` konvenuta tinghata din il-fakulta`.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuratruri deputati li eccepew:

Illi huma ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u rriservaw li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici kellha tipprova x'kienu s-servizzi ta' konsulenza u servizzi

ohra rezi mill-attur lis-socjeta` konvenuta li taw lok ghat-talba attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur li fiha semma li s-socjeta` konvenuta kellha thallasu is-somma ta’ tlieta u tletin elf lira Maltin (Lm33,000) rapprezentanti l-prezz ta’ servizzi ta’ konsulenza u servizzi ohra rezi mill-attur lis-socjeta` konvenuta bejn is-17 ta’ Frar 2003 u s-17 ta’ Dicembru 2004, u dana fuq inkarigu taghha stess. Minkejja li s-socjeta` konvenuta kienet giet interpellata diversi drabi twettaq il-hlas hija kienet baqghet inadempjenti.

Rat l-affidavit ta’ Kevin Buttigieg li fih semma li s-socjeta` konvenuta kellha thallsu s-somma ta’ Lm33,000 reppezentanti l-prezz ta’ servizzi ta’ konsulenza u servizzi ohra rezi minnu lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha stess peress li kien gie impjegat bhala ***Managing Director*** b’effett minn Frar 2003. Hu kellu jiehu hsieb jimpjega n-nies u jiehu hsieb tal-affarijiet legali u finanzjarji li jinqalghu. Kienu ftiehmu li hu jithallas Lm1250 fix-xahar u li l-kumpanija thallas it-taxxi dovuti, kif ukoll kellha thallas ghal spejjez ohra bhal ma huma ***insurances***, kontijiet tat-telefon u ***mobile***, kiri ta’ ufficcju u affarijiet ohra. Dan il-ftehim hu kien lahqu ma’ Henrik Johansen li kien l-***ultimate beneficial shareholder***. L-attur ma kienx qed jithallas tax-xoghol li kien qed jaghmel. Hu kien interpella lis-socjeta` konvenuta kemm-il darba biex thallas izda hija baqghet inadempjenti anke wara li l-attur

kien gie accertat li l-hlas kien ser jigi mwettaq. Kien kellem lil Henrik Johansen li qallu li kien ser ihallsu l-ammont mitlub fic-citazzjoni.

Rat l-affidavit ta' Henrik Johansen li fih semma li hu kien direttur tas-socjeta` konvenuta, u li kienu impjegaw lill-attur bhala ***Managing Director*** tal-kumpanija meta din bdiet topera minn Malta. Huma ftiehmu li l-attur jithallas Lm1250 fix-xahar. Ikkonferma li l-attur kellu jithallas Lm33,000 f'arretrati u li dawn ma kienux thallsu ghax il-kumpanija konvenuta ma setax ikollha access ghall-fondi taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Victor Bugeja li fiha ssemma li huma ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u rriservaw li jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` attrici kellha tipprova x'kienu s-servizzi ta' konsulenza u servizzi ohra rezi mill-attur lis-socjeta` konvenuta li taw lok ghat-talba attrici.

Semghet lil Dr. Beppe Fenech Adami bil-gurament li qal li fis-17 ta' Ottubru 2005 kiteb lill-attur biex jghaddilu kwalunkwe informazzjoni dwar il-kaz. Fit-2 ta' Novembru 2005 kiteb lil Henrik Johansen dwar dan il-kaz u dan kien wiegbu fit-2 ta' Novembru 2005. Sussegwentement permezz ta' e-mail tat-2 ta' Novembru 2005 Henrik Johansen ikkonfermalu li Kevin Buttigieg ghandu jithallas it-Lm33,000 mertu ta' din il-kawza minn Worldstar Intermediary Limited. Johansson ghalhekk qieghed jghid li Kevin Buttigieg ghandu jithallas dawn it-Lm33,000. Ix-xhud fl-istess hin ghamel ricerka mal-Malta Financial Services Authority fejn iccekkja min huma x-***shareholders*** ta' Worldstar Intermediary Limited u irrizulta li kienet Profitrust Services Limited u kellha bhala direttur lil certu Rene` Hyllested. Fit-2 ta' Novembru 2005 kiteb lil Rene` Hyllested fl-indirizz tieghu d-Danimarka u li huwa d-Direttur u ghandu ***judicial rappresentation*** tal-kumpanija, fejn infurmah dwar il-fatti u talbu jinfurmah immedjatament lura. Kien kiteb ukoll lix-***shareholder***, lil

Profitrust Services Limited, fejn spjegalha x'inhuwa l-mertu tal-kawza odjerna u talabhom jinfurmawh x'inhi l-pozizzjoni taghhom sat-8 ta' Novembru 2005. Zied jghid li sa meta xehed ma kien ircieva ebda komunika minghand dawn il-persuni.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mill-attur stante li hu kien imqabbad fuq inkariku tas-socjeta` konvenuta, Worldstar Intermediary Services Limited, jaghti servizzi ta' konsulenza lill-istess socjeta`. L-attur sostna li ghandu jithallas is-somma ta' LM33,000 ghall-prestazzjonijiet u s-servizzi tieghu. Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet, il-kuraturi deputati eccepew li huma mhumiex edotti mill-fatti, u li l-attur ghandu jipprova x'kienu s-servizzi ta' konsulenza u servizzi ohra rezi mill-attur lis-socjeta` konvenuta.

Irrizulta li l-attur qal li huwa kien inkarigat mis-socjeta` konvenuta li jinnegozja u jiehu hsieb diversi affarijiet tal-kumpanija fosthom, l-ingagg ta' impjegati, kif ukoll ihares l-affarijiet legali u finanzjarji tal-kumpanija. Hu xehed li wasal f'dan il-ftehim ma' Henrik Johannson, li kien is-shareholder beneficcjarju ta' l-ishma tal-kumpanija Worldstar.

Illi rrizulta minn xhieda li ta Henrik Johannson stess li peress li huwa ma kienx stazzjonat f'Malta, kellu jigi appuntat xi hadd li lokalment ikun jista' jagixxi bhala ***Managing Director*** ghall-kumpanija. Illi huwa kkonferma li kien sar qbil li l-attur jithallas is-somma ta' LM1, 250 kull xahar, u li ghalhekk, hu ghandu jircievi l-ammont ta' Lm33,000 li ghad ma gewx imhallsa lilu (a fol 38 u 39). Irrizulta wkoll, li l-istess Henrik Johannson iffirma prokura li nghatat lill-attur, sabiex jagixxi ghan-nom tieghu biex tinghalaq il-kumpanija Worldstar Intermediary Services Limited ( a fol 37).

Dan il-persuna, Johannson issemma wkoll mill-kuratur nominat f'din il-kawza biex jagixxi ghan-nom tal-kumpanija Worldstar Intermediary Services Limited, peress li dan Johannson baghatlu ***e-mail*** fejn ikkonferma li l-attur ghandu jithallas is-somma ta' LM33,000 ( a fol 56).

Illi huwa evidenti wkoll mid-dokumenti tal-kumapnija esebiti li kien Buttigieg li kien qed jagixxi ta' Direttur, fir-rigward tal-Worldstar Intermediary Services ( a fol 42 u 43). Jirrizulta mill-***Memorandum of Association*** tal-kumpanija li kien Buttigieg il-persuna appuntat biex jamministra s-socjeta` konvenuta, kif ukoll biex jagixxi bhala ***Company Secretary***. (a fol 46).

Sussegwentement, il-kuratur nominat f'din il-kawza, Dr. Beppe Fenech Adami baghat korrispondenza lil Rene` Hyllested fl-indirizz tieghu fid-Danimarka peress li jirrizulta li hu d-Direttur tal-kumpanija konvenuta, kif ukoll li x-***shareholder*** ta' Profitrust Services Limited, izda ma giet ricevuta l-ebda risposta ghal din il-korrispondenza.

Illi l-attur jippretendi li jithallas tas-servizzi ta' konsulenza tieghu hekk kif jirrizulta li gie mwieghed. Illi konsegwentement, ghar-ragunijiet fuq premessi, t-talba ta' l-attur ghandha tintlaqa'.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jidher li t-talba tal-attur hija gustifikata u ma hemm ebda lok ghaliex ma tigix milqugha, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlieta u tletin elf Lira Maltin (Lm33,000) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' konsulenza u servizzi ohra rezi mill-attur lis-socjeta` konvenuta bejn is-17 ta' Frar 2003 u s-17 ta' Dicembru 2004.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta b'dan li provizorjament l-ispejjez tal-kuraturi ghandhom jigu mhallsa mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------